**PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN**

**AVVIŻI** **23 TA' APRIL 2017**

**Sagrament taż-Żwieġ Nisrani**

Illum is-Sibt 22 ta' April 2017 fil-6:30pm Quddiesa bis-Sagrament taż-Żwieġ Nisrani.

**Festa tal-Ħniena Divina**

Għada / Illum il-Ħadd 23 ta' April 2017 niċċelebraw il-Festa tal-Ħniena Divina. Fil-Knisja ssir siegħa adorazzjoni li tibda fil-5:00pm u l-quddiesa fis-6:00pm.

**Bazaar imtella' mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna Wied il-Għajn**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' Bazaar mill-Għaqda Mużikali Sant'Anna. Nistednukom tagħtu titwila.

**Tberik tal-Familji**

It-tberik tal-familji hija okkażżjoni sabiħa fejn is-saċerdot jitlob flimkien mal-membri tal-familja għall-barka u għall-paċi ta' Kristu Rxoxt. It-tberik jibda fl-4:30pm.

**It-Tnejn 24 ta' April 2017**

Triq is-Salvja, Triq ir-Rand, Triq il-Kosbor, Triq il-Ħabaq u Triq ir-Riġnu

**L-Erbgħa 26 ta' April 2017**

Triq San Luqa u Triq San Ġuzepp

**Il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

Triq San Ġorġ u Triq iż-Żonqor

**Laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-carers tagħhom**

It-Tnejn 24 ta' April 2017 fis-6.30pm, se tiġi organizzata laqgħa għall-persuni b'diżabilità u l-*carers* tagħhom fiċ-Ċentru Edukattiv tal-Kunsill Lokali Triq il-Kappara.

**Lectio Divina**

It-Tlieta 25 ta' April 2017 fis-7.00pm ikollna l-Lectio Divina fis-Sala Sant'Anna u nispiċċaw fit-8.00pm. Inħeġġiġkom sabiex iġibu magħkom il-Bibbja.

**Kummissjoni Djakonija**
L-Erbgħa 26 ta' April 2017 fit-8:00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Djakonija fis-Sala Sant'Anna.

**Grupp Anzjani tal-Ispiritwalità**
L-Erbgħa 26 ta' April 2017 ser isir *Coffee Morning* organizzat mill-grupp tal-anzjani tal-Ispiritwalità.

**Laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes**
Il-Ġimgħa 28 ta' April 2017 fis-7:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir laqgħa ta' tħejjija mill-qrib għall-għarajjes li ser jiċċelebraw is-Sagrament taż-Żwieġ fix-xhur li ġejjien.

**Relikwa ta' San Ġorġ Preca**
Is-Sibt 6 u l-Ħadd 7 ta' Mejju 2017 ser ikollna fostna r-relikwa ta' San Ġorġ Preca. Fl-4:00pm ir-relikwa tasal il-Museum tal-Bniet għall-mument ta' talb flimkien fejn ser nitolbu għall-ħutna l-morda. Fil-5:00pm ir-relikwa tasal il-Knisja Parrokkjali fejn tkun fostna l-kumplament tas-Sibt u l-Ħadd.